

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Dokument ta' sessjoni*

17.9.2008

B6-0438/2008

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

skond l-Artikolu 33 tar-Regoli ta' Proċedura

mressqa minn Francis Wurtz, Esko Seppänen u Helmuth Markov

f'isem il-Grupp GUE/NGL

dwar il-Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2008

**Mozzjoni għal rizzoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2009**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 33 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-UE qed tiffaċċja sfidi vitali: l-isfida soċjali, il-kriżi globali finanzjarja u tal-ikel, il-bidla fil-klima, il-militarizzazzjoni tar-relazzjonijiet internazzjonali u defiċit demokratiku mill-akbar;
- B. billi l-UE s'issa wriet li ma kenitx kapaċi ssib soluzzjonijiet għal dawn il-problemi li jkunu ta' għid għaċ-ċittadini tal-Ewropa; billi l-politiki neoliberali tal-UE, id-defiċit demokratiku u l-proċeduri non-trasparenti wasslu għan-nuqqas ta' fiduċja fost iċ-ċittadini kif ukoll għal kriżi serja tal-leġittimità għall-istituzzjonijiet Ewropej preżenti,
- C. billi l-oppożizzjoni u r-reżistenza tal-ħaddiema, tal-konsumaturi u tal-utenti tas-servizzi pubbliċi fl-Ewropa kollha għar-riformi iġusti fis-sigurtà soċjali, it-tnaqqis fid-dħul, il-privatizzazzjoni, il-liberalizzazzjoni ta' servizzi ta' interess ġenerali u r-rilokazzjonijiet ta' kumpaniji promossi mil-politika kurrenti ta' l-UE qed isiru aktar b'saħħithom,
- D. billi t-ħassib dwar l-irwol tal-UE u l-Istati Membri tagħha f'regġuni ta' kriżi bħal m'huma l-Iraq u l-Afganistan u r-reżistenza għal dan l-irwol qiegħdin jikbru; billi ċ-ċittadini Ewropej ma jridux xi militarizzazzjoni tar-relazzjonijiet internazzjonali,
- E. billi l-poplu tal-Irlanda rrifjuta t-Trattat ta' Liżbona fl-uniku referendum li sar dwaru fl-Unjoni Ewropea,
- F. billi l-2009 se tara mhux biss il-proċess tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, imma wkoll Kummissjoni ġdida li tkun qed tibda xogħolha,

**Ġenerali**

1. Jesprimi t-ħassib serju tiegħu dwar il-fatt li l-Kummissjoni preżenti u istituzzjonijiet Ewropej oħra ma tgħallmux il-lezzjonijiet mir-riżultat tar-referenda fuq l-Abbozz tat-Trattat Kostituzzjonali fi Franza u fl-Olanda u r-rifjut tat-Trattat ta' Liżbona fl-Irlanda, ħaġa li rriflettiet b'mod ċar ir-reżistenza taċ-ċittadini tal-Ewropa għall-politiki neoliberali u għall-militarizzazzjoni tal-Unjoni Ewropea; iqis li n-nuqqas min-naħa tal-istituzzjonijiet Ewropej milli jissodisfaw l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini Ewropej se jwassal biex il-kriżi tal-leġittimità tal-UE tigrava b'mod drammatiku;
2. Jistieden lill-Kummissjoni biex immedjatament twaqqaf il-ħidma li għaddeja bħalissa u biex ma timpenjax ruħha f'inizjattivi ġodda li jkunu mmirati għat-tkomplija ta' politika ta' riformi iġusti fis-sigurtà soċjali, tnaqqis fid-dħul, il-privatizzazzjoni u l-liberalizzazzjoni ta' servizzi ta' interess ġenerali, u r-rilokazzjoni ta' kumpaniji;

3. Jinsisti li l-proċess ta' ratifikazzjoni għandu jitwaqqaf milli jkompli u li t-trattati jkunu eżaminati mill-ġdid u rranġati sabiex tinfetaħ it-triq lejn Ewropa Soċjali; jenfasizza l-ħtieġa li jkun żgurat il-primat tad-drittijiet soċjali fuq il-libertajiet tas-suq intern;

### **Tkabbir u Impjiegi**

4. Jitlob, bħala l-ewwel pass, li 'Klawsola ta' Progress Soċjali' tiddaħħal bħala Protokoll vinkolanti fit-Trattati eżistenti bil-għan li jkun iċċarat:
  - li t-Trattat ma jistax ikun interpretat f'sens li jaffettwa bi kwalunkwe mod l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali kif rikonoxxuti fl-Istati Membri, inkluż id-dritt tal-istrajk u tal-azzjoni kollettiva fil-livell nazzjonali kif wkoll id-dritt ta' l-istrajk u azzjoni kollettiva transkonfinali;
  - li dawn id-drittijiet jinkludu wkoll id-dritt jew il-libertà li jittieħdu azzjonijiet oħra koperti minn sistemi speċifiċi ta' azzjonijiet industrijali fl-Istati Membri, inklużi azzjonijiet immirati biex ikunu konklużi l-ftehimiet kollettivi li jmorru lil hinn minn pagi minimi u standards minimi;
  - li t-Trattat ma jistax ikun interpretat f'sens li jaffettwa bi kwalunkwe mod ir-relazzjonijiet industrijali u s-sistemi ta' negozjar kollettiv kif rikonoxxuti fl-Istati Membri;
  - li t-Trattat ma jistax ikun interpretat f'sens li jaffettwa b'xi mod il-kompetenza tal-Istati Membri biex jadottaw leġislazzjoni dwar politika soċjali li tipprovdi għal standards u rekwiżiti applikabbli għall-persuni kollha li jkunu qed jaħdmu f'pajjiż liema standards u rekwiżiti jkunu oġġa minn dawk stabbiliti fid-direttivi tal-UE li jstipulaw standards minimi;
  - li, kulfejn dawn id-drittijiet kif imsemmija hawn fuq u l-kompetenzi ta' politika soċjali jew is-sistemi ta' relazzjonijiet industrijali tal-Istati Membri jistgħu ma jaqblux mar-regolamentazzjoni tas-suq intern jew il-'libertajiet fundamentali' tas-suq intern, tal-ewwel (id-drittijiet fundamentali, eċċ.) iridu jitqiegħdu qabel dawn tal-aħħar;

### **Il-ġlieda kontra l-qgħad, il-faqar, l-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanzi fid-dħul**

5. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-persistenza ta' livelli għolja ta' qgħad, faqar, esklużjoni soċjali u inugwaljanza fid-dħul fl-UE; jinsisti li l-ġlieda kontra l-inugwaljanzi fid-dħul u l-promozzjoni ta' konverġenza ġenwina għandhom ikunu fil-quċċata tal-aġenda ekonomika u soċjali tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni biex il-politika tagħha torjentaha mill-ġdid lejn din id-direzzjoni;
6. Jikkunsidra li l-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi jeħtiġilha tpoġġi l-kunċett ta' 'Xogħol Tajjeb' bħala l-punt ta' referenza ċentrali tagħha, u tiffoka b'saħħa fuq il-promozzjoni tal-kwalità fix-xogħol, it-titjib tas-sigurtà soċjali, it-tisħiħ tad-drittijiet eżistenti tal-ħaddiema u d-dħul ta' drittijiet ġodda, il-promozzjoni ta' mmaniġġjar aħjar tar-riskji soċjali u bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja;
7. Jenfasizza r-rekwiżiti ewlenin fir-rigward tar-reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill ta' Hídma

Ewropew (EWC): definizzjoni aħjar ta' 'informazzjoni' u 'konsultazzjoni' (informazzjoni bil-miktub u fid-dettall, inkluż dwar kwistjonijiet strateġiċi pprovduta fi żmien li jkun kmieni biżżejjed) u ta' kwistjonijiet 'transnazzjonali', it-tnaqqis tal-limiti massimi għat-twaqqif ta' EWCs, ir-rikonoxximent tal-irwol li jwettqu t-trejdjunjins u d-drittijiet tagħhom, kundizzjonijiet ta' xogħol aħjar għall-EWCs; penali effettivi, proporzjonali u dissważivi għall-kumpaniji li jiksru d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, u l-istabbiliment tad-dritt għall-EWCs li jużaw il-veto fuq pjanijiet ta' ġestjoni għar-ristrutturazzjoni, il-fużjonijiet u t-teħid ta' kontroll ta' kumpaniji jew l-għoti tas-sensji, b'mod li jsir posponiment ta' kwalunkwe deċiżjoni finali sakemm l-EWC ikun jista' jipproponi soluzzjonijiet alternattivi u li dawn tkun saret konsultazzjoni dwarhom bir-reqqa mill-EWC u t-treġġja;

8. Jipproponi li d-drittijiet kollettivi u individwali tal-ħaddiema jiġu msaħħa billi jkunu evalwati u riveduti d-direttivi dwar il-qgħad kollettiv minħabba li l-impjegati jkunu żejda (75/129/KEE), emendata bid-Direttiva (92/56/KEE), it-trasferimenti ta' impriżi (77/187/KEE) u l-insolvenza (80/987/KEE), sabiex jissaħħew id-drittijiet tal-ħaddiema fir-rigward tal-bidla industrijali; jipproponi direttiva li tistabbilixxi standards minimi għolja ta' ħarsien kontra l-issensjar individwali mhux ġustifikat;

### **Kwistjonijiet tas-saħħa**

9. Jikkritika bil-qawwa l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transkonfinali; jirimarka li din il-proposta hija bbażata fuq approċċ tas-suq intern u hija mmirata prinċipalment biex tippermetti li nies iktar sinjuri u aktar edukati jmorru jixtru kura tas-saħħa iktar irħisa minn pajjiżi oħra; jenfasizza li l-proposta qed iddgħajjed il-kwalità fis-sistemi tal-kura tas-saħħa, minħabba li r-rimborsi għall-pazjenti minn Stati Membri ifqar mhux se jippermettilhom li jkopru l-ispejjeż tal-kura għall-kura tas-saħħa ta' kwalità għolja fl-Istati Membri iktar sinjuri;
10. Iqis li fil-qasam tas-saħħa u s-sikurezza fuq ix-xogħol, hemm ħtieġa urġenti ta' 'Direttiva Ergonomika' biex ikunu indirizzati kwistjonijiet bħal m'huma l-prevenzjoni ta' ħsarat minn strapazz ripetut fid-driegħ u l-id (repetitive strain injuries) u diżordnijiet muskuloskeletalri (MSDs); jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tikkunsidra l-għażla li r-rakkomandazzjoni ta' l-UE rigward il-mard marbut max-xogħol (2003/670) tiġi trasformata f'direttiva minima;
11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex twieġeb sa mhux aktar tard mill-2009 għal żewġ objettivi essenzjali li stabbiliet il-Kummissjoni fl-2004, jiġifieri wara l-Ġudizzju ta' Janecek (Każ C-237/07) biex tagħmel lill-membri tal-pubbliku in ġenerali konxju dwar it-tniġġis ambjentali u l-impatt ta' dan fuq saħħithom, u biex tikkunsidra mill-ġdid u tadatta politika Ewropea għat-tnaqqis tar-riskji;

### **Politiki monetarji u fiskali**

12. Jisħaq fuq il-punt li s-sistema finanzjarja kollha kemm hi fis-sura neoliberali tagħha ħarġet ekonomikament instabbli u ineffiċjenti u ta' ħsara għall-ugwaljanza, għall-benesseri ġenerali u għad-demokrazija; jenfasizza li l-istabilità titlob koperazzjoni ta' sorveljanza aħjar, inkluż globalment, li b'mod loġiku titlob reviżjoni komprensiva tal-

arranġamenti ta' sorveljanza kurrenti tal-UE;

13. Iqis li l-politiki monetarji u fiskali fl-UE kellhom impatt negattiv fuq it-**tkabbir** tal-ekonomija u tal-impjiegi; jiġbed l-attenzjoni lejn il-**ħtieġa** li jkun hemm politika monetarja li tgħin biex jissaħħaħ it-**tkabbir** sostenibbli u biex jiġi miġġieled il-qgħad; jitlob li jkun irrevokat il-Patt ta' Stabilità u **Tkabbir** għal dan il-għan; jitlob biex il-missjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tkun orjentata mill-**ġdid** lejn **tkabbir** u impjegar sostenibbli; jappoġġja l-idea ta' rati ta' interess iddivrenzjati – baxxi ħafna għal investimenti li jsiru fl-impjiegi u fl-edukazzjoni u għolja għal proġetti spekulattivi;
14. Jinnota li l-kompetizzjoni fiskali u l-frodi fiskali għandhom konsegwenzi serji għall-baġits nazzjonali, iwasslu għal vjolazzjonijiet tal-prinċipju tat-tassazzjoni ġusta u x'aktarx li jikkaġuna tagħwiġ fil-kompetizzjoni; jisħaq li jeħtieġ li jsiru bidliet fundamentali fis-sistema kurrenti tal-VAT; jiddeplora bil-qawwa li l-Kunsill naqas milli jagħmel progress f'din il-kwistjoni;
15. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li politiki li huma ffokati biss fuq il-kompetittività se jkomplu jiġgravaw l-inugwaljanzi reġjonali u soċjali; jafferma mill-**ġdid** it-talba li għamel bi dritt il-Parlament biex issir evalwazzjoni tas-sistema ta' allokkazzjoni;
16. Jisħaq fuq il-fatt li **ċ-ċittadini** jitolbu l-**ħarsien** mill-aggressività tas-suq u tal-prezzijiet għolja tal-**oġġetti bażiċi**, permezz ta' miżuri governattivi kontra l-ispekulazzjoni tal-prezzijiet; jisħaq fuq il-**ħtieġa** li jiddaħħlu kontrolli u spezzjonijiet fuq il-prezzijiet tal-**oġġetti bażiċi**;

## **Trasport**

17. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiddefendi u tippromwovi l-estensjoni tal-obbligi tas-servizz pubbliku fil-modi kollha tat-trasport, fejn l-aqwa prijorità għandha tkun is-sikurezza u l-konformità ma' standards soċjali ekwi aktar milli l-profitt finanzjarju privat li jista' jippreżenta theddida kemm għall-affidabilità kif ukoll għas-sikurezza tas-servizzi tat-trasport;
18. Jisħaq fuq il-fatt li l-isfida ewlenija hija kif se jinkisbu s-sikurezza u s-sigurtà fil-modi kollha ta' trasport, b'mod partikulari fis-settur tal-avjazzjoni, fejn għandhom jittieħdu miżuri finanzjarji addizzjonali biex jittejbu l-ispezzjonijiet u biex tkun evalwata l-konformità tat-trasportaturi tal-ajru mhux biss mal-istandards tas-sikurezza imma wkoll mal-leġislazzjoni soċjali bħala kwistjoni ewlenija għall-**ħaddiema** tat-trasport u l-istess għall-**passiġġieri**;
19. Iqis li l-manutenzjoni tal-**infrastruttura** u tal-**vetturi**, it-**taħriġ** tal-**ħaddiema**, ir-**rekwiżiti** tal-**perjodi** ta' **mistrieħ** u kundizzjonijiet soċjali u pagi ekwi huma kwistjonijiet ewlenin li jikkontribwixxu għal sikurezza u sigurtà akbar fit-trasport u li l-Kummissjoni għandha, għalhekk, tippromwovi pjan ta' azzjoni li jkun jinkludi dawn il-fatturi kollha;
20. Iqis li l-Kummissjoni għandha, bħala parti minn qafas ġenerali ta' internalizzazzjoni ta' spejjeż esterni, tipprovdha appoġġ finanzjarju għal modi ta' trasport li jkunu aktar sostenibbli u li jirrispettaw aktar lill-**ambjent**: għalhekk, jidhirlu li l-miżuri riveduti tal-Eurovignette għandhom ikunu obligatorji aktar milli fakultattivi għall-Istati Membri,

filwaqt li wieħed iżomm f' moħħu li r-ratifikkazzjoni u l-implimentazzjoni li dalwaqt isiru tal-Konvenzjoni Alpina se jagħmluha ħaġa possibbli li l-isforzi ta' adattament min-naħa tal-Istati Membri jkunu kkomplementati b' miżuri addizzjonali fi kwistjonijiet li huma sensittivi fir-rigward tal-klima;

## **Enerġija**

21. Jitlob li fit-tfittxija biex tittaffa l-bidla fil-klima l-għanijiet tal-UE għandhom ikunu riveduti ħalli jkunu jeskludu l-profitti mhux mistennija tal-ġiganti Ewropej tal-enerġija l-kbar minħabba s-sistema ta' formazzjoni tal-prezzijiet tal-elettriku;
22. Jinnota l-problema intrinsika li teżisti fl-Iskema ta' Skambju tal-Emissjonijiet li ġejja mill-elementi spekulattivi li hemm fl-offerta ta' prezz fl-irkantar, is-swieq sekondarji fl-iskambji tal-enerġija u l-formazzjoni tal-prezzijiet tal-elettriċità fis-suq bl-ingrossa; jitlob li l-Kummissjoni tippromwovi pjan dettaljat ta' kif jistgħu jkunu ristretti l-effetti ta' ħsara li jkollha l-ispekulazzjoni fuq il-prezz li jħallas il-konsumatur għall-elettriċità;
23. Jitlob li l-Kummissjoni tressaq il-pjan dettaljat rigward is-sussidji tal-pjanijiet dimostrarri tas-CCS;
24. Jistieden lill-Kummissjoni biex tħaffef il-ħidma biex jiġu stabbiliti kriterji sostenibbli għat-tipi differenti ta' materja prima għall-bijofjuwil;
25. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi direttiva ġdida bil-għan li tiġi risoluta l-kwistjoni tar-rimi tal-iskart nukleari fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli;

## **Agrikultura**

26. Iqajjem dubji dwar l-implimentazzjoni tal-ftehma dwar l-'iSpezzjoni tas-Saħħa' tal-Politika Agrikola Komuni (CAP) għaliex tissokta bil-metodu tas-'separazzjoni' tas-sussidji mill-produzzjoni, iżżomm kif inhi d-distribuzzjoni inġusta tas-sussidji fost il-produtturi kif ukoll fost il-pajjiżi, tippromwovi l-mudell ta' l-'agrikultura intensiva', b'effetti negattivi għall-kwalità ta' l-ikel; jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni ma tressaqx proposti dwar kif issolvi l-problemi tal-bdiewa ż-żgħar u ta' daqs medju li, taħt il-kundizzjonijiet il-ġodda tal-CAP, is-sopravivenza tagħhom tinsab fil-periklu;
27. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiegħu r-responsabilitajiet tagħha rigward is-sikurezza tal-ikel billi tgħarraf liċ-ċittadini Ewropej dwar il-preżenza ta' organiżmi ġenetikament modifikati fi prodotti għall-konsumatur; jitlob biex jiġu rtirati l-ispeċijiet tal-GMOs li diġà ddaħħlu minn xi Stati Membri; jiġbed l-attenzjoni lejn ir-riskji potenzjali għas-saħħa li għandu l-ikel li jkun fih il-GMOs u jitlob li ssir aktar riċerka dwar dawn ir-riskji; jitlob biex il-prinċipju prekawzjonarju jkun applikat dejjem għall-ikel li jkun fih il-GMOs;

## **Sajd**

28. Jisħaq fuq l-importanza soċjoekonomika tal-attività tas-sajd u l-ħtieġa li tkun żgurata s-

sostenibilità tar-riżorsi tas-sajd; jisħaq fuq in-nuqqas ta' bilanċ li hemm attwalment bejn il-qagħda soċjoekonomika u s-sostenibilità ta' l-ambjent; jitlob li jiġi implimentat mekkaniżmu biex ikunu ssussidjati jew ikkumpensati s-sajjieda li jkunu affettwati minn pjanijiet għall-irkupru ta' l-istokks tal-ħut jew minn miżuri oħra li jipprovdu ħarsien akbar ta' l-ekosistemi, speċjalment fir-regġuni l-inqas vantaġġjati;

29. Jinnota l-ħsieb tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal reviżjoni tal-Organizzazzjoni tas-Suq Komuni fir-rigward tal-prodotti tas-sajd; jisħaq fuq il-ħtieġa li din l-organizzazzjoni tas-suq tkun eżaminata mill-ġdid b'mod ambizzjuż sabiex tittejjeb il-kummerċjalizzazzjoni tal-ħut u tal-prodotti tal-ħut u sabiex tingħata spinta lill-valur miżjud tagħhom;
30. Jitlob lill-Kummissjoni tagħraf in-natura speċifika tas-sajd fuq skala żgħira viċin il-kosta u tas-sajd artiġjanali fis-CFP u sabiex tressaq proposta għall-ħolqien ta' programm Komunitarju ta' appoġġ għas-sajd fuq skala żgħira viċin il-kosta u għas-sajd artiġjanali, li jgħin biex ikunu kkoordinati l-azzjonijiet u biex jikunu mgħoddija fondi minn strumenti oħra eżistenti biex jittrattaw il-problemi speċifiċi li din it-taqsimha ta' l-industrija qed tiffaċċja, inklużi miżuri biex wieħed ikun jista' jlaħħaq maż-żieda fil-prezzijiet tal-fjuwil (petrol u diżil);

## **Il-Bidla fil-Klima u l-Iżvilupp Sostenibbli**

31. jafferma mill-ġdid li l-fatt li tintlaħaq fteħima fil-ħin dwar il-pakkett tal-enerġija/il-klima huwa ta' importanza vitali għall-kredibilità tal-UE u biex tibqa' tkun il-mexxejja fil-kuntest tan-negożjati internazzjonali dwar il-klima sabiex taċċerta fteħima post-2012 ambizzjuża dwar il-bidla fil-klima f'Kopenhagen fl-2009, u jitlob lill-Kummissjoni biex tfassal approċċi possibbli għall-perjodu ta' wara l-2012 b'urġenza;
32. Jenfasizza li n-nuqqas ta' implimentazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Komunità għandu effett negattiv mhux biss fuq l-ambjent iżda wkoll fuq is-saħħa pubblika u jirrimarka li l-Kummissjoni teħtieġ li tagħmel l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali kurrenti tal-UE prijorità ewlenija;
33. Iqis li l-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Bijodiversità biex sal-2010 jiġi mwaqqaf it-telf tal-bijodiversità fl-Ewropa miexi bil-mod ħafna u li l-impatti soċjali u ekonomiċi negattivi tat-telf tal-bijodiversità u tas-servizzi tal-ekosistemi li qiegħdin jonqsu diġà qiegħdin jinħassu; jitlob lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tippromwovi l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Bijodiversità u l-ħarsien tal-ekosistemi u l-komponenti tagħha tal-ilma, l-ħamrija u l-bijodiversità bħala l-pedament għal strateġija ta' adattament tal-UE;
34. Iqis li l-immoniterjar tal-Istrateġija Ewropea ta' Żvilupp Sostenibbli trid tittejjeb, u jitlob lill-Kummissjoni biex tfassal indikaturi ta' adattament għal kull kwistjoni ewlenija marbuta mal-ambjent (klima/enerġija, ambjent/saħħa, mobilità sostenibbli, riżorsi naturali) li se jgħinu biex jiġu identifikati politiki u miżuri li huma meħtieġa b'mod urġenti li se jikkontribwixxu biex tiġi kkonfrontata l-bidla fil-klima; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni biex tinkludi l-adattament meta tkun qed tfassal u timmodifika

leġislazzjoni eżistenti u kull leġislazzjoni li se ssir dalwaqt sabiex ikunu limitati l-effetti tal-bidla fil-klima;

35. Jenfasizza li l-iskarsezza tal-ilma u n-nixfiet fl-Ewropa huma waħda mill-kwistjonijiet ewlenin li jridu jkunu indirizzati waqt l-adattament għall-bidla fil-klima; jitlob, għalhekk, lill-Kummissjoni biex tfassal proposta leġislattiva li fiha d-dritt għall-aċċess ħieles għall-ilma jkun mogħti bħala ġid komuni u li tkun tinkludi miżuri dwar l-ippjanar tal-użu sostenibbli tal-art, l-immaniġġjar tal-ilma u tan-nixfa;

### **Ġustizzja u Affarijiet Interni**

36. Jitlob li jinfetħu mezzi għall-migrazzjoni legali għall-kategoriji kollha, mhux biss għall-migranti ta' sengħa kbira (l-hekk imsejħa proposta 'tal-karta l-blù'); f'dan ir-rigward, iħeġġeġ li l-proposta tant mistennija dwar il-ħaddiema staġjonali titressaq malajr kif jixraq u jħeġġeġ il-preżentazzjoni ta' proposta orizzontali usa';
37. Jitlob li tkun ippreżentata direttiva speċifika li tkun toħloq ġabra komuni ta' drittijiet għall-migranti kollha; jinsab konvint li għandu jkun fiha d-dispożizzjonijiet kollha tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti kollha u tal-Familji tagħhom, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-18 ta' Diċembru 1990;
38. Jopponi l-idea ta' permess waħdieni biex ċittadini ta' pajjiżi terzi joqogħdu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru, kif propost fl-abbozz ta' direttiva tal-2007 għax jagħti l-possibilità tad-dħul fl-UE biss lill-migranti li diġà jkollhom kuntratt tax-xogħol; jitlob, għalhekk, li jsiru permessi ta' residenza speċifiċi maħsuba biex jiffaċilitaw it-tfittxija għax-xogħol;
39. Iħeġġeġ li ssir reviżjoni tal-mandat tal-Frontex sabiex isir konċentrament fuq is-salvataġġ tal-migranti fuq il-baħar u biex ikun ipprojbit b'mod espliċitu ir-'refoulement'; iqis li l-ebda żieda m'għandha tkun alllokata lill-Aġenzija qabel ma l-mandat tagħha jkun ġie rriformat;
40. Jesprimi d-dubbi qawwija tiegħu dwar it-twaqqif ta' sistema Ewropea ta' sorveljanza tal-fruntieri 'Eurosur' u dwar il-ħtieġa li jkun hemm l-estensjoni ssuġġerita tal-użu tal-identifikaturi bijometriċi biex isiru aktar stretti l-ispezzjonijiet fuq il-fruntieri esterni tal-UE via s-'sistema ta' ħruġ u dħul' li ġiet proposta;
41. Jesprimi d-dispjaċir tiegħu dwar iż-żieda tal-ġħoti ta' aċċess indirett għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viżi (VIS) lil awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u lill-Europol u jfakkar fil-ħtieġa urġenti li tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni qafas tat-tielet pilastru dwar il-ħarsien tad-dejta;

### **L-Ewropa bħala sieħba dinjija**

42. Jikkritika lill-Kummissjoni bil-qawwa għan-nuqqas ta' trasparenza tad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tagħha sa fejn għandu x'jaqsam 'it-titjib tal-istatus tar-relazzjonijiet bilaterali ma' ċerti pajjiżi tal-viċinanza'; jinsisti li kwistjonijiet bħat-titjib tal-istatus ta' relazzjoni



- eżistenti għandhom ikunu suġġetti b'mod ċar għall-iskrutinju dettaljat tal-Parlament u għall-kunsens tiegħu;
43. Itenni li t-titjib tal-istatus tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iżrael għandu jkun konsistenti mar-rispett li għandu Iżrael għall-obbligi internazzjonali tagħha skond il-liġi internazzjonali u għandu jkun ukoll marbut miegħu, b'mod partikulari d-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja, u t-tmim tal-okkupazzjoni;
  44. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu minħabba l-kompetizzjoni li hemm bejn l-UE u r-Russja fil-viċinanza komuni; jirrifjuta l-istrateġija ta' konfrontazzjoni — l-estensjoni tan-NATO, l-istallazzjoni ta' tarka għal kontra l-missili u azzjonijiet oħra provokattivi – f'dan ir-reġjun sensittiv; jirrifjuta kull kunċett immirat lejn il-ħolqien ta' sferi ta' influwenza fil-viċinanza jew f'partijiet oħra tad-dinja; jenfasizza li r-relazzjonijiet ta' bejn l-UE u l-ġirien tagħha għandhom ikunu bbażati fuq ir-rispett għas-sovranià u l-integrità territorjali tal-istati kollha;
  45. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-istrateġija tal-viċinanzi bil-għan li jkunu stabbiliti relazzjonijiet mal-ġirien kollha tal-UE fuq il-bażi tal-ugwaljanza, il-vantaġġ reċiproku u r-rispett għad-dritt tal-awtodeterminazzjoni;
  46. Jappoġġja l-iżvilupp tal-‘Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran’ bħala konsolidazzjoni taż-żona Ewromediterranja, ibbażata fuq il-prinċipji demokratiċi u r-rispett ta' l-istat tad-dritt, li għandha twassal għal sħubija b'saħħha; jenfasizza li sħubija bħal din titlob aġenda ta' żvilupp għall-pajjiżi fin-Nofsinhar tal-Mediterran minflok strateġija ta' kummerċ ħieles, politika ta' tqarrib bejn il-popli u mhux l-isparar għall-immigranti u tfittxija attiva għal soluzzjoni ġusta għall-problema Palestinjana minflok it-tkomplija ta' politika ta' impunità fir-rigward tal-Iżrael; jaqbel mal-fehma dwar il-ħtieġa li jkun hemm thegħiġ ġdid tal-Proċess ta' Barċellona, li għandu jibqa' l-element ċentrali tal-koperazzjoni tal-UE mar-reġjun Mediterranju; iqis id-Dikjarazzjoni ta' Barċellona, l-oġġettivi tagħha u l-oqsma ta' koperazzjoni tagħha bħala l-qalba ta' dawn ir-relazzjonijiet;
  47. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex ma jippromwovux il-liberalizzazzjoni tas-swieq tal-pajjiżi Mediterranji iżda biex jibbażaw ir-relazzjonijiet finanzjarji fuq il-kummerċ ġust u fuq approċċ ġenwin li jsaħħaħ ir-relazzjonijiet taż-żewġ naħat, filwaqt jimmotivaw lill-popolazzjonijiet lokali u jippromwovu żvilupp li ma jkunx jiddependi biss fuq l-investimenti barranin; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jiżguraw li l-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja (EMPA) issir parti integrali mil-qafas istituzzjonali tal-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran, bħala d-dimensjoni parlamentari tiegħu;
  48. Jiddeplora bil-qawwa l-għarfien min-naħa ta' Stati Membri tal-UE tad-dikjarazzjoni unilaterali tal-Kosovo ta' indipendenza mis-Serbja, li wera li kien preċedent perikoluż għal reġjuni oħra ta' konflitt, kif urew l-iżviluppi fl-Abkażja u l-Ossezja tan-Nofsinhar; itenni t-tħassib tiegħu dwar il-Missjoni tal-EULEX fil-Kosovo, li qed issir mingħajr il-kunsens tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; jinsisti li l-azzjonijiet kollha tal-UE fil-Kosovo għandhom ikunu konformi għal kollox mar-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; jistieden lill-Kummissjoni f'dan il-kuntest biex tirrevedi l-finanzjament tal-Missjoni tal-EULEX u jisħaq li kull finanzjament ta' proġetti fil-Kosovo għandhom ikunu

konformi għal kolloxx mal-liġi internazzjonali u mal-leġislazzjoni tal-KE;

49. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' skrutinju parlamentari fl-oqsma tas-CFSP u tal-ESDP; jitlob bi dritt li jkun stabbilit mekkaniżmu ta' kontroll parlamentari għat-tipi kollha ta' nfiq fl-oqsma tas-CFSP u tal-ESDP;
50. Jikkritika l-fatt li l-Istrateġija ta' Politika Annwali ma fiha l-ebda referenza għall-eżami mill-ġdid ta' nofs it-term tal-istrumenti tar-RELEX, li kien ġie miftiehem bejn il-Kummissjoni u l-Parlament; jistieden lill-Kummissjoni biex tassoċja lill-Parlament mill-qrib fl-eżami mill-ġdid tal-programmi ta' għajnuna esterna tal-Unjoni;

## **Żvilupp**

51. Jikkundanna l-fatt li, fil-programm leġislativ tagħha għall-2009, il-Kummissjoni ma tagħtix attenzjoni biżżejjed lill-politika tal-iżvilupp; jiddispjaċih b'mod partikulari li l-kontribut tal-UE biex jintlaħqu l-Għanijiet tal-Millennju għall-iżvilupp li għandha n-NU l-anqas biss jissemma;
52. Jinsab allarmat minħabba ż-żieda globali rapida fil-prezzijiet tal-oġġetti tal-ikel u r-riskju serju sussegwenti għas-sigurtà tal-ikel; jilqa' l-ħolqien ta' faċilità speċjali għall-kriżijiet; jisħaq, madankollu, fuq il-ħtieġa ta' programm ambizzjuż ta' sigurtà sostenibbli tal-ikel, kemm f'dak li jirrigwarda l-kontinwazzjoni tal-għajnuna f'ikel kif ukoll f'dik li hi politika agrikola għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
53. Jenfasizza li fl-2009 l-proċess tal-integrazzjoni reġjonali għar-reġjuni tal-EPA irid jibqa' prinċipju fundamentali tal-EPAs, u li dawn il-ftehimiet iridu jkunu konsistenti mat-tisħiħ tal-inizjattivi ta' integrazzjoni reġjonali tal-pajjiżi stess tal-ACP, u li dawn il-ftehimiet iridu jikkontribwixxu għal dan it-tisħiħ tal-inizjattivi; jikkritika lill-Kummissjoni talli dak li ġie akkwistat fl-integrazzjoni reġjonali heddidu fit-tmexxija tan-negozjati tal-EPA u tistieden lill-Kummissjoni biex iżżid mal-programm ta' ħidma tagħha għall-2009 appoġġ amministrattiv, tekniku u finanzjarju għar-reġjuni;
54. Jikkundanna l-fatt li ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' kif il-Kummissjoni qed tippjana li tirrimedja s-sitwazzjoni tat-tnaqqis serju fil-kontribuzzjoni lill-ODA mill-UE u l-Istati Membri tagħha, biex ikun żgurat li l-Ewropa tibqa' fit-triq it-tajba biex tilħaq id-dħul gross domestiku (GDI) ta' 0.7% sal-2015;
55. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tinkludi fl-APS tal-2009 l-programm 'Għajnuna għall-Kummerċ' sabiex ikunu indirizzati, b'mod partikulari, l-effetti negattivi f'dak li hu dħul mid-dwana u mid-dazji u minn taxxi oħra għall-pajjiżi tal-ACP;

## **Implimentazzjoni, immaniġġjar u regolamentazzjoni aħjar**

### **Baġit**

56. Iqis li preżentazzjoni ċara u trasparenti tal-baġit tal-Unjoni Ewropea hija ħtieġa assoluta fir-rigward tal-ħtieġa li jkun ikkomunikat liċ-ċittadini Ewropej dwar kif il-flus tal-UE jintefqu;

57. Jistenna l-proposti tal-Kummissjoni għall-eżami mill-ġdid tal-baġit, li jkunu jkopru l-aspetti kollha tal-infiq tal-UE għall-2009; jenfasizza li l-Parlament irid ikun assoċjat b'mod sħiħ fil-proċess tal-eżami mill-ġdid tal-baġit; jiddefendi l-hteġa li tkun stabbilita l-koerenza bejn il-prijoritajiet politiċi u l-prijoritajiet baġitarji; jistieden lill-Kummissjoni biex telabora fid-dettall kif bi ħsiebha tiffinanzja prijoritajiet ġodda mingħajr ma tqiegħed friskju prijoritajiet qodma;
58. Jopponi bil-qawwa kull finanzjament ta' interventi militari tal-UE mill-baġit tal-UE; jitlob li jiġi abolit ir-ribass Brittaniku, li m'huwix justifikabbli fl-Unjoni Ewropea attwali;

### **Trasparenza**

59. Jitlob li tkun applikata l-Karta l-Ħadra dwar l-Inizjattiva Ewropea ta' Trasparenza, kif adottata mill-Kummissjoni fit-3 ta' Mejju 2006, u li jsir progress mgħaġġel rigward il-benefiċjarji finali tal-fondi Komunitarji u r-reġistru għar-rappreżentanti ta' interessi (lobbisti);
  60. Ifakkar lill-Kummissjoni fl-impenn tagħha, fid-dawl tar-regolament propost li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet tal-UE, biex ikun żviluppati trasparenza akbar u aċċess akbar għad-dokumenti;
- \* \* \*
61. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri.